

ETS/avjazzjoni: l-iżgurar taċ-ċertezza legali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet wara l-2016

Fil-21 ta' Ġunju, l-Ambaxxaturi tal-UE qablu dwar il-pożizzjoni biex jiġu estiżi wara l-2016 id-dispożizzjonijiet eżistenti li jkopru attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) u biex wieħed iħejji għall-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021. Issa l-Kunsill jinsab lest li jibda jinnegożja mal-Parlament Ewropew.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid hija reazzjoni għall-qbil li ntlaħaq f'Ottubru 2016 mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex tiddaħħal miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 sabiex tirregola l-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali permezz ta' sistema ta' kumpens, magħrufa wkoll bħala CORSIA (Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali). L-UE tappoġġa din il-miżura u għandha l-għan li tissieħeb fl-ewwel fażi, li hija volontarja.

Il-qbil li ntlaħaq fi ħdan il-Kunsill jappoġġa l-elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni:

- jinżammu l-limiti attwali fl-ambitu tal-EU ETS, partikolarment billi tiġi estiża d-deroga għal titjiriet barra ż-ŻEE;
- jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għal rieżami bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq fi ħdan l-UE, partikolarment fid-direttiva dwar l-ETS, ladarba jittieħdu d-deċiżjonijiet kollha tal-ICAO;
- soġġett għal dan ir-rieżami, tiġi prevista l-applikazzjoni tal-Fattur Lineari ta' Tnaqqis (LRF) għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru mill-2021 'il quddiem fis-settur tal-avjazzjoni.

Barra minn hekk, it-test tal-proposta tal-Kummissjoni ġie emendat, b'mod partikolari biex jiġi oċarat il-proċess ta' rieżami.

Il-proposta għandha tiġi adottata sal-aħħar ta' din is-sena sabiex tiġi evitata lakuna legali fir-rigward tal-konformità mar-regolament attwali dwar l-ETS fl-2017 u biex tkun żgurata ċertezza għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-awtoritajiet ta' ġestjoni. Id-dati għar-rapportar u ċ-ċediment ta' kwoti ta' emissjonijiet ikunu l-1 ta' April 2017 u l-1 ta' Mejju 2018 rispettivament.

Il-passi li jmiss u l-kuntest

Fil-Parlament Ewropew, il-vot fil-Kumitat ENVI dwar l-abbozz ta' rapport tal-proposta huwa skedat għall-11 ta' Lulju u l-vot fil-plenarja mhux mistenni qabel Settembru.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta fit-3 ta' Frar 2017 u ppreżentatha lill-Kunsill Ambjent fit-28 ta' Frar.

ETS u l-ICAO - kuntest

L-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) tnediet fl-2005 biex tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fil-livell tal-UE. Is-settur tal-avjazzjoni huwa parti mir-regolament eżistenti dwar l-ETS. L-emissjonijiet mill-avjazzjoni jikkontribwixxu wkoll għall-mira tal-UE li tnaqqas 20% tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra sal-2020 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

Għandu jiġi mfakkar li fl-2014, l-UE iddeċidiet li tnaqqas l-ambitu tal-iskema tal-ETS biex din tapplika biss għal titjiriet fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) sabiex jiġi ffaċilitat il-progress fin-negożjati fi ħdan l-ICAO, u bit-tama li tinkiseb ċarezza fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet internazzjonali li jikkollegaw il-pajjiżi taż-ŻEE u pajjiżi terzi. Id-deroga għal titjiriet barra ż-ŻEE imbagħad saret limitata fiż-żmien sa l-aħħar tal-2016.

Ir-riforma tal-ETS bħalissa qiegħda tiġi nnegożjata għall-perijodu 2021–2030. Rieżami tar-riforma huwa ppjanat għal meta l-obbligi legali tal-ICAO isiru ċari għall-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq. Ser tiġi żgurata wkoll konsistenza mal-impenn tal-UE, taħt il-Ftehim ta' Pariġi, li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet b'mill-inqas 40 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

Il-miżura globali bbażata fuq is-suq tal-ICAO għandha l-għan li tnaqqas iż-żieda fl-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra fis-settur tal-avjazzjoni u tistabbilizza n-numri fil-livelli tal-2020. L-applikazzjoni tal-miżura ser tkun obligatorja għal pajjiżi ewlenin fil-qasam tal-avjazzjoni fl-2027, iżda l-fażi inizjali ser titnieda fl-2021, sabiex il-pajjiżi jkunu jistgħu jibdedu jipparteċipaw kmieni fuq bażi

volontarja.

- [Proposta tal-Kummissjoni](#)
- [Direttiva 2003/87/KE](#)
- [Regolament \(UE\) Nru 421/2014](#)
- [Riżoluzzjoni A39/3 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali \(ICAO\) - Skema Globali ta' Miżuri bbażati fuq is-Suq](#)
- [Riforma tal-iskema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press